tbaħħar." *(Mara, Rabat Għawdex, 29-III-1995)*

* "F'Sibt il-Glorja, Alla jaħfrilha, ommi, kienet tieħu l-weraq taż-żebbuġ u taħarqu, niftakarha, f'xi taġen qadim, induru magħha u ngħidu xi Kredu u talb hekk. Ġo taġen qadim jew għatu ta' landa. Konna ngħidu xi orazzjoni insomma. Kienet tibda minn isfel u nitilgħu t-taraġ." *(Mara, 12-IV-1995)*

* "Biex inbaħħar jien niftaħ il-bieb ta' barra u niftaħ il-bieb tal-bitħa biex ngħid jekk ikun hemm xi ħaġa toħroġ. Kienet tiġini waħda xiħa tbaħħarli u f'kull kantuniera tal-kmamar, kienet taħraq iż-żebbuġ. Hekk." *(Mary Zammit, Santa Venera, anzjana, 12-IV-1995)*

* "Għandi 71 sena. Il-mama tiegħi kienet tbaħħar u jiena bqajt bis-sistema li nbaħħar sa llum, li ngħid: 'San Pawl ta' Ruma, jekk hawn xi għajn reġġagħha lura.' Mbagħad l-irmied konna noħorġuh f'salib it-toroq. Issa, minflok f'salib it-toroq, l-irmied narmuh fil-ġnien. Kienet tbaħħar taħt is-sodod. Tibda minn fuq, tasal sal-bieb ta' barra u tgħid: 'San Pawl ta' Ruma jekk hawn xi għajn reġġagħha lura.' *(Mara, Ħamrun 12-IV-1995)*

* "In-nanna kienet tgħid li meta tbaħħar kienet tgħid il-Kredu; dejjem hekk nafha." *(Mara, 12-IV-1995)*

* "Zijuwi kien qassis, żmien il-gwerra li għaddiet. Meta kont qed inbaħħar ħaduli taħt il-vit u tfiħuli!" *(Mara, Birkirkara, 12-IV-1995)*

***Nota:** Din il-ġabra dwar is-superstizzjoni tat-tbaħħir, qiegħda biss biex turi aspett mill-kultura tagħna għal skopijiet ta' studju u bl-ebda mod ma tfisser li jien qed naqbel ma dak li ntqal jew qed ninkuraġġih.*

© Guido Lanfranco

---

APPREZZAMENT

# ALFRED FENECH

**Fit-22 ta' Marzu, 2009 ħalliena s-Sur Alfred Fenech li kien ilu membru tal-Għaqda tal-Folklor sa mis-snin tmenin. Kien ġie elett membru tal-Kumitat fl-1983. Is-Segretarja dak iż-żmien kienet Ms. Jessie Grech u, meta din iżżewġet u rriżenjat mill-kumitat fl-1986, Alfred Fenech laħaq Segretarju minflokha. Dam Segretarju sal-2002, meta sfortunatament kellu jirreżenja minħabba problemi ta' saħħa. F'Marzu 2006 Alfred Fenech reġa' daħal fil-Kumitat u fl-2008 inħatar Viċi-President.**

**Is-Sur Fenech kien iħobb ħafna l-folklor u oġġetti assoċjati mal-ħajja tal-imgħoddi, u kellu kollezzjoni ġenerali kbira li fiha kellu wkoll dak li hu folkloristiku. Kien jippartecipa fid-diversi wirjiet u ħarġiet li kienet tagħmel l-Għaqda tal-Folklor u kien juri nteress f'kulma nagħmlu. Kien ingarigat mill-*Hobbies Society* ibbażata l-Ħamrun għal snin kbar, kollu nteress u ħeġġa.**

**L-Għaqda tilfet ħabib kbir li fforma parti mportanti mill-istorja tagħha. Aħna nibqgħu naħsbu fih fit-talb tagħna u nestendu l-kondoljanzi tagħna lill-familja tiegħu. RIP**

**Guido Lanfranco**

APPREZZAMENT

# ALFRED FENECH

Kien il-Viċi-President tal-Għaqda tal-Folklor; miet fit-22 ta' Marzu, 2009 wara marda qasira. Kellu 74 sena. Fit-12 ta' Mejju l-Kumitat tal-Għaqda għamillu quddiesa għal ruħu fil-kappella tal-Isptar Santa Katerina, Ħ'Attard, u l-kumitat attenda flimkien ma' ħafna membri tal-familja tiegħu.

Alfred twieled il-Ħamrun, u kien bniedem ħabrieki u attiv ħafna. Kien ilu ħafna fl-Għaqda tal-Folklor u minn dejjem wera nteress, mhux biss fil-folklor imma f'kull ħaġa Maltija. Kien Patrijott. Barra li kien membru tal-Għaqda tagħna, kien membru attiv ta' ħafna għaqdiet oħra tal-kultura, speċjalment tal-*Hobbies Society*. Kellu kollezzjoni vasta ta' affarijiet tal-folklor, u meta kien jieħu sehem f'xi wirja bl-affarijiet tal-kollezzjoni tiegħu tal-folklor dejjem kien isemmi l-Għaqda tal-Folklor.

Tlifna membru li kien erudit u ħabrieki, u li kien iħobb tabilħaqq lil art twelidu. Kien jaħdem fiċ-Ċivil mal-Gvern, u kien irtirat.

Nagħtu l-għomor lil martu Grace, u lil uliedu u l-familja tiegħu kollha, u l-qraba.

Niftakru fih, u fix-xogħol fejjiedi li għamel u nitolbu għal ruħu.

RIP

A.D.